

**Brussell, 21 ta' Ġunju 2022
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0190(NLE)**

**10511/22
ADD 1**

**TRANS 427
MAR 133**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 290 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tar-Regolament rivedut għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (RPN)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 290 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2022) 290 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.6.2022
COM(2022) 290 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieded f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni
Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tar-Regolament rivedut għall-
Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (RPN)**

ANNEX

L-abbozz tar-Regolament rivedut għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (RPN) għandu jiġi modifikat kif ġej:

fl-Artikolu 3.02, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Fuq ir-Renu huma validi ċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni, il-kotba tar-rekords tas-servizz u l-ġurnali ta' abbord maħruġa skont id-Direttiva (UE) 2017/2397, kif ukoll iċ-ċertifikati ta' kwalifika, il-kotba tar-rekords tas-servizz u l-ġurnali ta' abbord maħruġa skont dan ir-Regolament, **mingħajr preġudizzju għal dik id-Direttiva fejn tapplika, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha.**

F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fejn tapplika, il-~~H~~ kwalifika għal kariga abbord dejjem għandha tkun iċċertifikata

a) tal-kaptan, permezz ta' ċertifikat ta' kwalifika bħala kaptan għat-tip u d-dimensjonijiet tal-inġenju kkonċernat jew ċertifikat ta' kwalifika tal-Unjoni bħala kaptan, akkumpanjat, fejn xieraq, mill-awtorizzazzjonijiet speċifiċi meħtieġa;

b) tal-membri l-oħra tal-ekwipaġġ, permezz ta' ktieb tar-rekords tas-servizz validu maħruġ lilhom u li jkun fih ċertifikat ta' kwalifika **jew ċertifikat ta' kwalifika tal-Unjoni;**

c) tal-esperti tan-navigazzjoni tal-passiġġieri u l-esperti tal-gass naturali likwifikat, b'ċertifikat ta' kwalifika tal-Unjoni jew ċertifikat ta' kwalifika, u bl-istess mod ta' dawk li jagħtu l-ewwel għajnuna, dawk li jgħorru t-tankijiet tal-arja u l-persunal tas-sikurezza abbord bastimenti li jgħorru oġġetti perikolużi, b'ċertifikat relatat ma' dawk l-operazzjonijiet speċifiċi.

B'deroga mis-subparagrafi (b) u (c), il-membri tal-ekwipaġġ ta' bastimenti tal-baħar li jinnavigaw fuq ir-Renu, bl-eċċezzjoni tal-kaptan, jistgħu jiċċertifikaw il-kwalifika tagħhom billi jippreżentaw ċertifikat maħruġ jew rikonoxxut skont il-Konvenzjoni STCW.” ;

Fl-Artikolu 5.01, il-paragrafi 3 u 6 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“3. L-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli għad-*data* ġenerali u għall-viżi ta' kontroll. Għal dak il-għan, għandha d-dritt li titlob il-preżentazzjoni ta' ġurnali ta' abbord sħaħ jew estratti minnhom, jew dokumenti ġustifikattivi xierqa oħra. Jista' jwajhhal il-viża ta' kontroll biss għal vjaġġi ta' inqas minn 15-il xahar. ~~H-kaptan għandu jkun responsabbli għar-reġistrazzjoni tad-*data* speċifika relatata mal-vjaġġi li jkunu saru.~~” ;

“6. F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2017/2397 fejn tapplika, il-kaptan għandu jkun responsabbli mir-reġistrazzjoni tad-*data* speċifika relatata mal-vjaġġi li jsiru. Il-kaptan għandu

a) idawhhal regolament l-entrati kollha fil-ktieb tar-rekords tas-servizz f'konformità mal-istruzzjonijiet għaż-żamma tal-ktieb tar-rekords tas-servizz li jinsabu fil-kotba tar-rekords tas-servizz;

b) iżomm il-ktieb tar-rekords tas-servizz f'post sikur fil-kamra tat-tmunier sa tmiem is-servizz jew sa tmiem il-kuntratt tal-impjieg jew xi arranġament ieħor;

c) meta l-ktieb tar-rekords tas-servizz jintalab mid-detentur, dan jingħatalu lura, ikun meta jkun u mingħajr dewmien.” ;

Fl-Artikolu 13.01, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. ~~Kull min jidderieġi~~ **F’konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2017/2397 fejn tapplika, in-navigazzjoni ta’** inġenju teħtieġ awtorizzazzjoni speċifika jekk, bħala kaptan responsabbli, huwa

- a) jinnaviga permezz tar-radar;
- b) jinnaviga fuq passaġġi fuq l-ilma li ġew identifikati bħala meded ta’ passaġġi fuq l-ilma interni b’riskji speċifiċi;
- c) jinnaviga fuq passaġġi fuq l-ilma kklassifikati bħala passaġġi fuq l-ilma interni b’karattru marittimu;
- d) jidderieġi inġenji tal-baħar li bħala fjuwil jużaw il-gass naturali likwifikat, jew
- e) jidderieġi konvojs kbar.” ;

Fl-Artikolu 13.02, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. ~~Kull min jidderieġi inġenju u jinnaviga~~ **In-navigazzjoni** bir-radar kif previst fir-Regolamenti tal-Pulizija għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (RPNR) teħtieġ awtorizzazzjoni speċifika għan-navigazzjoni bir-radar.” ;

fl-Artikolu 13.03 il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b’dawn li ġejjin:

“1. ~~Kull min jidderieġi~~ **In-navigazzjoni ta’** inġenju fuq passaġġ fuq l-ilma identifikat bħala medda ta’ passaġġ fuq l-ilma intern li tippreżenta riskji speċifiċi skont it-tifsira tat-taqsim 2 hawn taħt teħtieġ awtorizzazzjoni speċifika ~~għal dik il-medda ta’ passaġġ fuq l-ilma intern.~~” ;

“2. Fejn meħtieġ biex tiġi żgurata s-sikurezza tan-navigazzjoni, **u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2017/2397 fejn tapplika**, l-Istati kostali jistgħu jidentifikaw xi meded li jgħaddu mit-territorji rispettivi tagħhom bħala meded ta’ passaġġi fuq l-ilma interni li jippreżentaw riskji speċifiċi, meta daww ir-riskji jkunu dovuti għal waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

- a) xejriet u veloċitajiet tal-fluss li jinbidlu ta’ spiss;
- b) il-karatteristiċi idromorfoloġiċi tal-passaġġ fuq l-ilma intern u n-nuqqas ta’ servizzi ta’ informazzjoni dwar passaġġi navigabbli fuq il-passaġġ fuq l-ilma intern jew ta’ ċarts xierqa;
- c) l-eżistenza ta’ regolamenti speċifiċi tat-traffiku lokali ġġustifikati mill-karatteristiċi idromorfoloġiċi tal-passaġġ fuq l-ilma intern, jew
- d) frekwenza għolja ta’ inċidenti fuq medda partikolari tal-passaġġ fuq l-ilma intern, attribwita għan-nuqqas ta’ kompetenza li mhijiex koperta mill-ES-QIN, il-Parti I, il-Kapitolu 2.” ;

fl-Artikolu 13.04, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. ~~Kull min jidderieġi~~ **In-navigazzjoni ta'** inġenju fuq passaġġi fuq l-ilma interni ta' karattru marittimu teħtieġ awtorizzazzjoni speċifika ~~għan navigazzjoni fuq dak il passaġġ fuq l-ilma intern.~~”;

fl-Artikolu 13.05, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. ~~Kull min jidderieġi~~ **In-navigazzjoni ta'** inġenju li juża bħala fjuwil il-gass naturali likwifikat teħtieġ awtorizzazzjoni speċifika ~~għat tħaddim ta' ingeni bħala dawn.~~ Din għandha tkun evidenzjata b'ċertifikat korrispondenti ta' kwalifika bħala espert tal-gass naturali likwifikat.”;

fl-Artikolu 13.06, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. ~~Kull min jidderieġi~~ **In-navigazzjoni ta'** konvoj kbir teħtieġ awtorizzazzjoni speċifika ~~biex jidderieġi konvojs bħala dawn.~~

Kull applikant għandu jkun jista' jafferma żmien ta' navigazzjoni ta' mill-inqas 720 jum, inkluż mill-inqas 540 jum bħala kaptan u mill-inqas 180 jum li matulhom ikun iddeċieda waħdu dwar ir-rotta u l-veloċità ta' konvoj kbir.”;

fl-Artikolu 20.01, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-kotba tar-rekords tas-servizz maħruġa **jew li l-validità tagħhom ġiet estiża** f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli sad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ~~jew li l-validità tagħhom ġiet estiża~~ jibqgħu validi sa fejn iddeterminat minn dawk ir-rekwiżiti sad-data ta' skadenza inizjali tagħhom, iżda mhux aktar tard mis-17 ta' Jannar 2032. Is-sentenza 1 ta' hawn fuq għandha tapplika wkoll għall-kotba tar-rekords tas-servizz rikonoxxuti bħala ekwivalenti mis-CCNR.”;

fl-Artikolu 20.02, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-ġurnali ta' abbord maħruġa **jew li l-validità tagħhom ġiet estiża** f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli sad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ~~jew li l-validità tagħhom ġiet estiża~~ jibqgħu validi sa fejn iddeterminat minn dawk ir-rekwiżiti sad-data ta' skadenza inizjali tagħhom, iżda mhux aktar tard mis-17 ta' Jannar 2032. Is-sentenza 1 ta' hawn fuq għandha tapplika wkoll għall-ġurnali ta' abbord rikonoxxuti bħala ekwivalenti mis-CCNR.”;

fl-Artikolu 20.03, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-privattivi tar-Renu kbar jew żgħar **maħruġa jew li l-validità tagħhom ġiet estiża** f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli sad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ~~jew li l-validità tagħhom ġiet estiża~~ jibqgħu validi sa fejn iddeterminat minn dawk ir-rekwiżiti sad-data ta' skadenza inizjali tagħhom, iżda mhux aktar tard mis-17 ta' Jannar 2032.”;

fl-Artikolu 20.08, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-membri tal-ekwipaġġ ta' bastimenti tal-baħar li jinnavigaw fuq ir-Renu jistgħu jafferimaw il-kompetenza tagħhom permezz ta' ċertifikat maħruġ jew rikonoxxut f'konformità mal-Konvenzjoni STCW. Dan għandu japplika għall-kaptan biss sas-17 ta' Jannar 2038 **u dment li l-attività ta' navigazzjoni interna titwettag fil-bidu jew fit-tmiem ta' vjaġġ ta' trasport marittimu.**”